# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-7 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 167/2016 SM**

**Joseph Demicoli (ID 380955 M) u**
**Paul Piscopo (ID 141162 M) ghan-**
**nom u in rapprezentanza tal-koperattiva**
**Ghaqda Kooperattiva tas-Sajd Limited**

**vs.**

**Angelic Mifsud (ID 47569 M)**
**f'ismu proprju u ghan-nom u in**
**rapprezentanza ta' *Lambusa Maritime***
***Company Limited* (C – 39329)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-2 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi l-kontendenti dahhlu f' *"management agreement"* datat l-1 ta' Dicembru, 2008, (ara foll 5);

1.2. Illi skont l-istess ftehim fuq indikat l-intimati obbligaw ruhhom li jhallsu f'rati mensili s-somma ta' sitta u tletin elf u hames mitt euro, (€36,500.00), *per annum*, eskluz it-taxxa ta' 18% VAT, ghall-gestjoni tan-negozju mill-fond 150, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, (ara foll 5);

1.3. Illi r-rikorrenti gia` gew kanonizzati kredituri tal-intimati fl-ammont ta' sitta u sittin elf erba' mija u hdax -il euro, u sitta u ghoxrin centezmu, (€66,411.26), bilanc dovut mill-intimati sat-30 ta' Novembru, 2011, u dan, permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell, Numru 72/2012, fl-ismijiet Joseph Demicoli *nomine et* vs. Angelic Mifsud *proprio et nomine*, datata t-12 ta' Frar, 2016, (ara foll 21);

1.4. Illi mid-data tal-prezentata tal-procedura deciza in appell indikata fil-paragrafu precedenti, senjatament it-23 ta' Jannar, 2012, sad-data tal-prezentata tal-procedura odjerna, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), l-intimati ma hallsu l-ebda pagament minnhom dovut *nonostante* li baqghu jokkupaw l-imsemmi fond, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel;

1.5. Illi konsegwentement l-intimati ghandhom jaghtu l-ammont ta' mija hamsa u hamsin elf, mija u tlieta u ghoxrin euro, (€155,123.00), lir-rikorrenti;

1.6. Illi ghaldaqstant aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €155,123.00 bilanc dovut bhala *"operators's fee"*, oltre t-18% *VAT*, u bl-imghax mill-1 ta' Dicembru, 2011;

1.6.2. Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali sad-data tal-effettiv pagament;

2. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 47);

3.0. Rat ir-risposta datata t-18 t'April, 2016, li permezz taghha l-intimat *proprio et nomine* sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mal-Koperattiva rikorrenti;

3.2. Illi f'kaz li tintalab korrezzjoni fl-okkju din il-qorti hi ezawtorata milli tiehu konjizzjoni ta' dawn il-proceduri *stante* li l-kontendenti kienu ghazlu li l-forum kompetenti f'kaz ta' nuqqas ta' qbil ikun *tramite* arbitragg, (ara klawsola 18 a foll 12);

3.3. Illi sussidjarjament il-Koperattiva rikorrenti m'ghandiex dritt tistitwixxi l-proceduri odjerni *stante* li kwalunkwe dritt li kellha fuq is-sit in dizamina jidderiva mill-Kummissarju tal-Artijiet li hu l-proprjetarju tal-istess u li kien ittermina kull relazzjoni kummercjali li kellu permezz t'ittra ufficjali mibghuta fil-30 ta' Gunju, 2015;

3.4. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat is-26 t'April, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti *nomine* li ghaliha l-abbli rapprezentant legali tal-intimat *proprio et nomine* awtorizzat il-korrezzjoni hemm mitluba;

5. Rat il-verbal datat ukoll is-26 t'April, 2016, li permezz tieghu, l-abbli rapprezentant legali tal-intimat *proprio et nomine* irtira l-ewwel eccezzjoni minnhu sollevata, (ara paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1.), aktar qabel, u foll 48);

6. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 103);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat *proprio et nomine* datata l-31 ta' Lulju, 2017, (ara foll 104), flimkien man-nota tar-rikorrenti *nomine* datata s-27 ta' Settembru, 2017, (ara foll 111);

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti prodotti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

10. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-24 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet minnhom ipprezentati, (ara foll 118);

Ikkunsidrat:

11. Illi qabel xejn issir referenza ghall-affermazzjoni tal-intimat *proprio et nomine* kif kontenuta fir-risposta guramentata tieghu datata t-18 t'April, 2016, fejn bil-gurament tieghu afferma li kopja tal-ittra ufficjali minnhu hemm riferita:

> "... qed tigi hawn mehmuza ghall-ahjar istruzzjoni ta' dawn il-proceduri", (ara foll 49);

12. Illi ezami tal-istess risposta guramentata jirrileva li effettivament l-imsemmija ittra ufficjali hemm indikata ma gietx hekk annessa kif hemm ritenut;

13. Illi in effetti jirrizulta minflok li l-ittra ufficjali *de quo* giet biss sussegwentement ipprezentata *in atti tramite* d-dikjarazzjoni guramentata tal-intimat *proprio et nomine*, (ara foll 59 u 67), u dan, permezz ta' nota datata t-30 ta' Mejju, 2016, (ara foll 57);

14. Illi jigi rilevat ukoll fir-rigward li a bazi tal-verbal tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti *nomine* datat it-18 ta' Gunju, 2016, l-awtenticita` tal-imsemmija ittra ufficjali u tad-dokumenti l-ohra kollha, ma kienitx qed tigi kkontestata, (ara foll 69);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

15.1. Illi l-koperattiva rikorrenti tippremetti li kkonkludiet ftehim mas-socjeta` intimata datat l-1 ta' Dicembru, 2008, (ara foll 5);

15.2. Illi permezz tal-istess is-socjeta` intimata inghatat il-pussess tal-fond 50, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, (ara foll 5);

15.3. Illi ta' dan, l-istess socjeta` intimata intrabtet li thallas is-somma ta' €36,500.00 *per annum* lill-koperattiva rikorrenti ghall-gestjoni tal-istess, (ara foll 5);

15.4. Illi l-kontendenti ftehmu li l-gestjoni moghtija lis-socjeta` intimata kienet ghall-perjodu t'ghaxar (10) snin, (ara foll 5);

15.5. Illi l-iskop tal-gestjoni koncessa lis-socjeta` intimata kien biex topera l-imsemmi fond ghal negozju t'importazzjoni u esportazzjoni relatati mal-industrija tal-hut, (ara foll 5);

15.6. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Joseph Demicoli et vs. Angelic Mifsud *proprio et nomine* datata t-12 ta' Frar, 2016, il-koperattiva rikorrenti odjerna giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta` intimata odjerna fl-ammont ta' €66,411.26, (ara foll 21);

15.7. Illi l-ammont hekk kanonizzat fis-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti jirrapprezenta l-bilanc dovut mis-socjeta` intimata lill-koperattiva rikorrenti sat-30 ta' Novembru, 2011, (ara foll 3);

15.8. Illi permezz tal-procedura odjerna l-koperattiva rikorrenti qed titlob il-bilanc lilha dovut mis-socjeta` intimata ghal gestjoni tal-fond in kwistjoni mid-data li fiha inoltrat il-procedura finalment deciza fl-appell, senjatament mit-23 ta' Jannar, 2012, (ara foll 3), sad-data tal-prezentata tal-procedura odjerna, senjatament it-2 ta' Marzu, 2016, (ara foll 1), u dan, minkejja li baqghet tokkupa l-imsemmi fond

fis-somma ta' €155,123.00, oltre l-imghaxijiet hemm indikati mill-1 ta' Dicembru, 2011, (ara foll 3);

15.9. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata sintetikament eccepiet is-segwenti:

15.9.1. Illi l-qorti odjerna hi ezawtorata milli tiehu konjizzjoni tal-procedura odjerna billi fil-ftehim tal-1 ta' Dicembru, 2008, ghazlu li f'kaz ta' kontenzjoni dan jigi rizolt permezz t'arbitragg, (ara foll 48 u 12);

15.9.2. Illi l-koperattiva rikorrenti m'ghandiex dritt tistitwixxi l-procedura odjerna *stante* li kwalsiasi dritt li kellha fuq il-fond in dizamina jidderiva mill-Kummissarju tal-Artijiet proprjetarju tal-istess li kien ittermina r-relazzjoni kummercjali li kellu mal-istess koperattiva rikorrenti permezz t'ittra ufficjali datata t-30 ta' Gunju, 2015, (ara foll 67);

Ikkunsidrat:

16. Illi jigi ribadit li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata *stante* li l-istess giet irtirata mill-istess socjeta` *tramite* l-abbli rapprezentant legali taghha, (ara foll 56);

Ikkunsidrat:

17. Illi fit-tieni (2) eccezzjoni taghha s-socjeta` intimata tissolleva n-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-qorti *stante* li fil-ftehim datat l-1 ta' Dicembru, 2008, fejn permezz tieghu l-kontendenti qablu li f'kaz ta' tilwima bejniethom huma kellhom jirrikorru ghal arbitragg, (ara klawsola 18 a foll 12);

18. Illi l-istess gie sottolineat mill-abbli rapprezentant tas-socjeta` intimata permezz tal-verbal tieghu datat il-25 t'Ottubru, 2016, (ara foll 70);

19. Illi in effetti l-klawsola 18 in dizamina tistipula s-segwenti:

> "*In case of a dispute both parties agree that each party elect a professional representative and the matter shall be submitted for arbitration. The arbiter shall be approved by both parties and for the sitting of arbitration the Laws of Malta prevail. The arbiter expenses shall be at the expense of both parties and his decision shall be final*.

Ikkunsidrat:

20. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 15 (3) tal-Att dwar l-Arbitragg, Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 387), li jistipula s-segwenti:

> "Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jekk parti fi ftehim ta' arbitragg, jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha tal-parti, tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra kull parti ohra fil-ftehim ta' arbitragg jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha ta' dik il-parti, dwar kull haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg, **kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista' f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti twaqqaf il-procediment** u dik il-qorti jew imhallef taghha, kemm -il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitragg ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, ghandha tordna li jitwaqqfu l-procedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni ghandha tigi riferita lill-arbitragg biss wara li jigu ezawriti proceduri ohra ta' rizoluzzjoni ta' kwistjonijiet", emfasi tal-qorti;

Ikkunsidrat:

21. Illi ssir riferenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Mario Vella *et* vs. *Malta Industrial Parks Limited nomine***, datata t-**30 ta' Settembru, 2014** li f'dan ir-rigward irriteniet is-segwenti:

> "... illi konsegwenza tal-ghazla li ghamlet il-konvenuta li ma titlobx it-twaqqif tal-procediment tal-lum kif previst mill-Art 15(3) tittraduci ruhha f'accettazzjoni tal-gurisdizzjoni ta' din il-qorti. U bis-sottomissjoni (*submission*) taghha ghall-gurisdizzjoni tal-qorti, l-konvenuta rrinunzjat, b'mod car u inekwivoku, ghalkemm tacitament, li tenforza l-klawsola arbitrali. Rinfaccjata bil-kawza, u b'disposizzjoni daqstant cara bhal ma hija l-Art 15(3) tal-Kap. 387, l-uniku mod li kellha l-konvenuta biex tinsisti fuq it-tharis tal-klawsola arbitrali u tittenta tbieghed kull kwistjoni ta' gurisdizzjoni tal-qorti kienet li tmur ghal tharies skrupoluz tad-disposizzjoni";

Ikkunsidrat:

22. Illi minn ezami tal-procedura odjerna ghal xi indikazzjoni f'dan ir-rigward min-naha tas-socjeta` intimata ma jirrizultax li din issottomettiet xi talba lil din il-qorti biex twaqqaf il-kaz in dizamina kif stipulat fl-artiklu fuq citat u kif spjegat fis-sentenza fuq riferita;

23. Illi in vista tas-suespost, it-tieni (2) eccezzjoni tas-socjeta` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

24. Illi fit-tielet (3) eccezzjoni taghha s-socjeta` intimata tissottolinea li l-koperattiva rikorrenti m'ghandha l-ebda dritt tistitwixxi l-procedura odjerna *stante* li kwalsiasi dritt li seta' kellha fuq is-sit mertu tal-procedura, senjatament il-fond numru 150, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, (ara foll 5), kien jidderiva mill-Kummissarju tal-Artijiet li hu l-proprjetarju tal-istess fond;

25. Illi jirrizulta li l-imsemmi Kummissarju tal-Artijiet kien dahal f'relazzjoni ta' kera mal-koperattiva rikorrenti li pero` itterminha permezz tal-ittra ufficjali mibghuta lill-istess koperattiva fit-30 ta' Gunju, 2015, (ara foll 67);

26. Illi permezz tal-ittra ufficjali indikata fil-paragrafu precedenti l-istess Kummissarju informa lill-Koperattiva *de quo* li ma kienx

ser igedded il-kirja tas-sit in kwistjoni wara l-31 ta' Dicembru, 2015, (ara foll 67);

Ikkunsidrat:

27. Illi ghandu jkun pacifiku li ghalkemm il-ftehim bejn il-kontendenti odjerni datat l-1 ta' Dicembru, 2008, (ara foll 5), hu ftehim distint mill-ftehim lokatizju konkretizzat bejn il-koperattiva rikorrenti u l-Kummissarju tal-Artijiet, il-ftehim *de quo* hu dipendenti fuq il-kera hawn riferita;

28. Illi gialadarba giet terminata l-kirja in dizamina, awtomatikament il-koperattiva *de quo* ma jkollha xejn x'tikri jew x'tiftiehem mas-socjeta` intimata fir-rigward, u konsegwentement ma jista' jissussisti l-ebda ftehim bejn il-kontendenti fuq il-fond mertu tal-procedura odjerna *stante* li dan ma baqax fil-kontroll legali tal-koperattiva rikorrenti u irritorna f'idejn is-sid il-Kummissarju *de quo*;

29. Illi konsegwentement, kwalunkwe dritt li l-koperattiva rikorrenti kellha fuq is-sit in dizamina gie terminat fil-31 ta' Dicembru, 2015;

30. Illi in vista tal-istess id-data massima li fiha tista' tippretendi l-pagament tal-gestjoni tas-sit in dizamina mis-socjeta` intimata *ai termini* tal-kuntratt datat l-1 ta' Dicembru, 2008, jirrizulta li hu sal-31 ta' Dicembru, 2015;

31. Illi konsegwentement, it-talba tal-koperattiva rikorrenti ghall-hlas tal-bilanc dovut lilha mis-socjeta` intimata ghandha tigi akkolta pero` limitatament sad-data tal-31 ta' Dicembru, 2015, u ovvjament flimkien ma' l-ammont dovut ghat-taxxa tal-*V.A.T.* u imghaxijiet relattivi mill-istess data;

Ikkunsidrat:

32.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-koperattiva rikorrenti ipprovat il-kaz taghha fil-limiti fuq indikati, u konsegwentement:

**DECIDE:**

32.1. Tirrespingi r-risposti tal-intimat *proprio et nomine*, limitatament skont kif fuq spjegat;

32.2. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti fil-limiti fuq spjegati;

32.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lill-koperattiva rikorrenti l-ammont ta' €66,411.26 kif gia` kanonizzat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq indikata, flimkien mal-*canone* relattiv dovut mit-30 ta' Novembru, 2011, sal-31 ta' Dicembru, 2015, ammontanti ghal mija sitta u erbghin elf euro, (€146,000.00), u dan, oltre t-taxxa tal-V.A.T. dovuta fuq l-istess ammont;

32.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovut kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-intimat *proprio et nomine*.

_________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**